MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Mejju, 2012

Appell Kriminali Numru. 23/2011

**Il-Pulizija**
**(A.K. Neil Harrison)**
**Vs**
**Lorraine Vella**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fl-14 ta' Novembru 2003 u m atul l-ahhar gimghat qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzzjoni wahda :
a) kellha fil-pussess taghha d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-impotazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li

timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha;

b) kellha fil-pussess taghha d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienitx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u ma kienitx b'xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha fil-pussess taghha dina d-droga, u naqset li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv taghha.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-14 ta' Jannar, 2011, li biha, wara li rat l-artikoli Regolament 9 tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), it-Taqsimiet IV u VI, l-artikoli 22 (1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-appellanti hatja tal-akkuzi dedotti kontra taghha u kkundannataha ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) snin oltre l-hlas ta' multa ta' hamest elef Ewro (€5,000). Bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 ikkundannataha thallas l-ispejjez tal-esperti kollha nominati fl-inkjesta u f'din il-kawza.

Ordnat ukoll il-konfiska u distruzzjoni tad-droga kollha esebita mill-Ispizjar Mario Mifsud nominat appozitament ghal dan l-iskop.

Dwar il-flus esebiti, ordnat ukoll il-konfiska tal-istess davur il-Gvern ta' Malta hlief ghall-ammont ta' elf u sitt mitt lira Maltin u l-ammont ta' hames mitt lira Maltin ekwivalenti ghal tlett elef seba` mija u sebgha u ghoxrin Ewro (€3727.00) u elf mijs erba` u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69) rispettivament li l-Qorti hi konvinta li jappartjenu lill-terzi li m a kellhom xejn x'jaqsmu ma' dan il-kaz.
Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2011, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar id-digriet moghti mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminal nhar l-4 ta' Novembru 2010 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi meta l-helsien mill-arrest tal-esponent kien gie revokat u tirriforma u tvarja s-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-13 ta' Jannar, 2011 fil-proceduri fl-ismijiet fuq premessi billi filwaqt li tikkonferma l-htija, tvarja l-istess sentenza f'dik il-parti taghha li tirrigwarda l-piena u tinfliggi piena li aktar tirrifletti c-cikorstanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-
1. Illi preliminarjament l-appellanti qeghda tappella mid-digriet interlokutorju li nghata nhar il-5 ta' Novembru 2010 fejn l-Ewwel Qorti kienet irrevokat il-helsien mill-arrest tal-esponent minhabba l-fatt li kienet naqset milli tidher ghas-seduta tat-28 ta' Ottubru, 2010 u dana stante li l-procedura adoperata ma kienitx wahda konfrormi mal-ligi kif ukoll ghaliex kien hemm raguni valida ghan-nuqqas ta' dehra tal-esponent fl-istess udjenza.

2. Illi fi-tieni lok u tenut kont tac-cikrostanzi kollha kif jirrizultaw mill-process l-piena nflitta kienet wahda bir-rispett esagerata.

Illi se mai dan il-pussess mhux ghall-uzu esklussiv jidher li kien qed isir fl- isfond tal-persuni kollha li kienu qed jabbuzaw mid-droga f'dik ir-residenza. Jinghad ukoll li jirrizulta li d-droga kienet ta' aktar minn persuna wahda tant illi d-droga moghti l-Kodici tal-Laboratorju 275/05/01 u li dwaru rrelata l-Ispizjar Mario Mifsud fil-5 ta' Mejju, 2005 kienet ta' Dorianne Galea u mhux tal-esponent.

Illi ghandu jigi rilevat ukoll li l-eccessivita` tal-piena tirrizulta ukoll meta wiehed iqis l-ammont misjub.

3. Illi t-talba ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti nominati fl-inkjesta ma hijiex konformi ma dak li kien jipprovdi l-artikolu 533 fid-data ta' meta sehh dan il-kaz.

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukat difensur kif ukoll tal-Avukat Generali.

Ikkonsidrat :

Fl-ewwel osservazzjoni li ghamel l-Avukat Generali fit-trattazzjoni tieghu qajjem il-kwistjoni tan-nullita` tar-rikors tal-appell peress li gie pprezentat tardivament. Dan l-argument jidher illi huwa gustifikat peress illi skond ir-rikors tal-appell is-sentenza originali inghatat fit-13 ta' Jannar, 2011 u billi r-rikors gie pprezentat fis-26 ta' Jannar, 2011 jeccedi b'gurnata t-tmint ijiem tax-xoghol illi huma stipulati skond l-artikolu 417(1) tal-Kodici Kriminali.

Pero` l-appellanta hadet zball, is-sentenza ma nghatatx fit-13 ta' Jannar izda fl-14 ta' Jannar, f'liema kaz allura r-rikors tal-appell ma jkunx tardiv.

Din il-Qorti mhi se tiehu l-ebda mizura in konnessjoni ma dan l-izball li jidher li hu wiehed genwin u mhux il-kaz illi jigi pregudikat id-dritt tal-appellanta ghad-doppju ezami u ghalhekk il-Qorti se tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji taghha.

Ikkunsidrat :

Fl-ewwel aggravju taghha l-appellanta qeghda tilmenta mnn digriet interlokutorju li nghata fil-5 ta’ Novembru 2010 fejn l-Ewwel Qorti kienet irrevokat il-helsien mill-arrest tal-appellanta minhabba li kienet naqset milli tidher ghas-seduta tat-28 ta’ Ottubru, 2010. L-appellanta argumentat illi fis-seduta ta’ qabel l-Avukat taghha Dr. Giglio talab differiment peress illi kellu xoghol il-Qorti Ghawdex u ghalhekk f’dik is-seduta fejn kellha tidher l-appellanta ma kienx se jsir xejn xorta wahda. Wara kollox l-istadju tal-provi kienu waslu ghal dawk tad-difiza u ma kien hemm xejn irregolari bit-talba ghal differiment tal-Avukat tal-appellanta.

Fis-seduta ta’ wara, dik ta’ l-4 ta’ Novembru, 2010 (fol. 318) l-appellanta kienet spjegat illi kienet ma dehritx peress illi qeghda tbati minn “depression” u ma kienitx ikkomunikat mal-Avukat taghha.

Il-Qorti pero` ma accettatx din l-iskuza u ghaddiet biex ittellef il-liberta` provvizorja ta’ l-appellanta.

Id-difiza qeghda tghid illi dina kienet konsegwenza serja wisq, aktar u aktar, meta f’dik is-seduta fejn ma dehritx xorta ma kien se jsir xejn. Fi kwalunkwe kaz anki li kieku l-Qorti ordnat ir-revoka tal-beneficcju tal-helsien mill-arrest setghet ma ordnatx ukoll il-konfiska tal-flus, li kienet xi haga fakultattiva.

Rigward it-tieni aggravju l-appellanta qeghda targumenta illi l-piena hija harxa wisq. Fi kwalunkwe kaz, is-sustanza involuta ma kienux aktar minn 30 gramma u sitt snin habs effettivi huma serji wisq meta tikkonsidra l-istess piena ghall-istess piz li inghataw f’cirkostanzi ohra. Normalment sitt snin habs tinghata meta l-piz tas-sustanza tkun aktar vicin in-nofs kilo, f’liema kaz allura l-impozizzjoni ta’ sitt snin ghal 30 gramma jidher sproporzjonat.

It-tielet aggravju jikkoncerna l-artikolu 533 tal-Kap. 9. Skond l-appellanta dana ma setax jigi applikat il-ghaliex meta sar ir-reat il-ligi kienet differenti.

Ikkunsidrat :

Ghal dawn l-argumenti l-Qorti thoss li ghandha twiegeb b’dana l-mod.

Jibda biex jinghad illi r-rikors originali tal-Avukat tal-appellanta ghal differiment qatt ma gie degretat u ghalhekk ma kienx hemm xejn xi jzomm is-seduta tat-28 ta’ Ottubru, 2010 milli ssir regolarment.

L-appellanta ghalhekk kienet obbligata illi tattendi anki jekk, ghal grazzja tal-argument, ir-rikors gie degretat u l-kawza kienet se tigi differita, l-appellanta kellha tkun prezenti imqar ghall-ghoti tad-differiment biex b’hekk tkun tista` tiffacilita` n-notifika taghha ghas-seduta ta’ wara.

Minn ezami tal-process jidher li l-appellanta ta’ spiss kienet tfalli u dina ma kienitx okkazjoni ta’ darba illi l-appellanta ma dehritx il-Qorti. Madankollu, ghal dak l-incident din il-Qorti tirrileva li minkejja illi l-appellanta gabet l-iskuza tad-“depression” dana ma giex konfortat b’xi certifikat mediku fuq x’hix il-Qorti setghet tagixxi.

Ghalhekk fis-seduta ta’ wara ta’ l-4 ta’ Novembru 2010 (fol. 318) l-Ewwel Qorti kienet libera li tiddeciedi kif iddecidiet. Peress li ma ngabet l-ebda gustifikazzjoni legali ghan-nuqqas ta’ dehra tal-appellanta ghas-seduta precedenti u kienet libera wkoll illi tordna l-konfiska tal-flus depozitati.

Ghal din il-Qorti jidhrilha illi ma ghandix tiddisturba d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti fl-ghoti ta’ dak id-digriet tal-4 ta’ Novembru 2010 u l-ewwel aggravju qed ikun michud.

Rigward it-tieni aggravju, ghall-varjazzjoni fil-piena, l-appellanta qeghda targumenta illi l-ammont ta’ sustanza involuta ma kienx jirrikjedi piena ta’ sitt snin effettivi, pero’ din il-Qorti tirrileva illi nstabu zewg tipi ta’ sustanzi, wahda ta’ eroina w l-ohra tal-kokajina. Dik tal-eroina kienet ta’ 48% pura waqt li l-kokajina kienet 50% pura. Dana huwa persentagg gholi hafna w mhux normali illi tinstab sustanza b’persentagg ta’ purita` daqshekk gholja.

Il-Qorti hija sodisfatta illi dan l-ammont ta’ droga misjuba ma kienitx ghall-uzu personali lanqas ghal “sharing” peress illi fil-fond instabu wkoll l-attrezzi kollha necessarji ghal qsim u distribuzzjoni tad-droga imsemmija.

Skond l-espert mahtur mill-Qorti l-ammont ta’ eroina li nstabet setghet tigi maqsuma f’96 qartas waqt li l-kokajina setghet tigi maqsuma f’37 qartas, ammonti konsiderevoli meta tqis id-domanda ghal dawn is-sustanzi.

Fi kwalunkwe kaz il-piena hija fil-parametri tal-ligi.

Il-principju regolatur hu li mhux normali li tigi disturbata d-deskrizzjoni tal-Ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u m’hemm xejn x’jindika illi kellha tkun anqas minn dak li tkun fil-fatt (Repubblika vs David Vella 14 ta’ Gunju 1999, Repubblika vs Eleno sive Lino Bezzina 24 ta’ April 2003 u ohrajn).

L-Ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha l-ghala applikat dik il-piena partikolari, liema ragunijiet huma gustifikati u mhux il-kaz illi din il-Qorti tiddisturba.

Ghal dak li jirrigwarda t-tielet aggravju l-appellant qal biss illi meta sar ir-reat il-ligi kienet differenti.

Jekk qed jirreferi ghall-fatt illi originaljament tali sanzjoni kellha ssir fuq talba tal-prosekuzzjoni, f’dan il-kaz il-Qorti tmur ghall-imputazzjoni originali fejn, fl-ahhar paragrafu jidher car it-talba tal-prosekuzzjoni ghal kundanna tal-ispejjez. Illum is-sitwazzjoni m’ghadhix l-istess fejn, anki fin-nuqqas ta’ talba, l-Qorti tista` tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez fil-kuntest tal-artikolu 533 tal-Kap. 9.

Ghalhekk il-Qorti ma jidhirlix illi ghandha tvarja s-sentenza tal-Ewwel Qorti.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li

dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha.

Din il-Qorti ghamlet apprezzament approfondit tal-provi li kellha quddiemha l-Ewwel Qorti u tasal ghall-konkluzzjoni illi fl-isfond ta' dawk il-provi l-Ewwel Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha. Allura mhux il-kaz illi s-sentenza tigi disturbata.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta` w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------